MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1200/2013

**Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd (C 933)**

**vs**

**S.A. Construction Limited (C 6055)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd, li in forza tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjeta' rikorrenti, li bhala xoghol timporta u tbiegh il-hadid, bieghet bil-gross *on credit* merkanzija lis-socjeta' intimata S.A. Construction Limited (C 6055) ta' 'Magnolia', Triq is-Slielem, Madliena, is-Swieqi SWQ 1213, fuq medda ta' zmien. Illum jirrizulta bilanc dovut lis-socjeta' rikorrenti ammontanti ghall-valur komplessiv ta' mija u

tnejn u sittin elf, sitt mija u tmien ewro u tmienja u sebghin centezmu (€162,608.78);

Is-socjeta' intimata waqghet lura fil-pagamenti u fil-fatt, saru diversi laqghat bejn ir-rapprezentanti taz-zewg socjetajiet rispettivi sabiex tinstab soluzzjoni dwar dan id-debitu pendenti, izda minkejja diversi konfermi tal-ammont dovut, kif ukoll weghdiet li ser ihallsu dan l-ammont, ma kien hemm l-ebda pagamenti u d-debitu fl-ammont fuq indikat baqa' pendenti;

Dan id-debitu, li jinkludi fih l-imghax miftiehem ta' tmienja fil-mija (8%), ilu kkonfermat bhala dovut mill-25 ta' Jannar 2007, meta s-socjeta' intimata kkonfermat il-bilanc dovut kif jidher mill-anness dokument immarkat Dok. BIS1;

Recentement, is-socjeta' rikorrenti wkoll ipprezentat ittra ufficjali numerata 1123/13 kontra s-socjeta' intimata permezz ta' liema din tal-ahhar giet interpellata ghall-hlas tal-ammont fuq imsemmi, kopja ta' liema hija annessa mar-rikors odjern u mmarkata Dok. BIS2;

F'Marzu tal-2009, is-socjeta' intimata hallset ftit aktar minn tmienja u tletin elf ewro (€38,000.00) akkont ta' dan il-bilanc;

L-ammont rega' zdied ghaliex awtomatikament zdied mieghu l-imghax miftiehem;

Illum jirrizulta li s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti tal-bilanc pendenti fl-ammont ta' mija u tnejn u sittin elf, sitt mija u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€162,608.78);

Dan id-debitu tas-socjeta' intimata fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, is-socjeta' intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti.

Talbet is-socjeta' rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' intimatahija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' mija u tnejn u sittin elf, sitt mija u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€162,608.78), oltre imghax legali mid-data tal-prezentata tal-att odjern sad-data tal-pagament effettiv u spejjez legali;

Tikkundanna lis-socjeta' intimata ghall-hlas tal-ammont imsemmi ta' €162,608.78 oltre imghax legali sad-data tal-pagament effettiv u spejjez legali;

Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata li huma minn issa ngunti in subizzjoni, inkluzi dawk tal-proceduri odjerni, tal-ittra ufficjali numru 1123/13 tas-17 ta' April 2013 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' intimata ma dehritx ghall-kawza.

Rat li t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija pruvata u jisthoqqilha tintlaqa'.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba; tilqa' t-tielet talba, tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil S.A. Construction Limited thallas lil Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd is-somma ta' mija u tnejn u sittin elf, sitt mija u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€162,608.78), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn S.A. Construction Limited.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------